**Id-Dipartimenti tal-Malti fil-Kulleġġi ta' Malta u Għawdex**

**L-Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2017 - 2018**

**IL-LIVELLI**

**6 – 7**

| IT-TMIEN SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

**Il-Karta tal-Istudenti**

Il-Qari tal-Ewwel Silta: **Kura Mingħajr Tabib**

**Taħriġ A. Aħdem it-taħriġ skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. In-nies kienu jfittxu kura popolari għax ħafna kienu foqra u għax ma kienx hemm _____________________ kullimkien.

2. Il-Maltin kienu jemmnu ħafna bil-kura antika sal-bidu tas-seklu ____________.

3. Fl-imgħoddi biex jikkumbattu l-infezzjonijiet

   a. kienu jieklu biss il-bebbux u l-patata. ☐

   b. kienu jieħdu l-antibijotiċi. ☐

   ċ. kienu jtaffu s-sħana tad-deni. ☐

4. Biex itaffu s-sħana tad-deni kienu jorbtu ċappa bebbux mgħaffeġ ma' saqajn il-pazjent jew iqiegħdu patata roti roti fuq _________________.

5. Fuq żaqq il-pazjent kienu jqiegħdu pal tal-bajtar

   a. miftuħ u mixwi. ☐

   b. mibrum u mnixxef. ☐

   ċ. mgħaffeġ u mxarrab. ☐

Il-Qari tat-Tieni Silta: **Il-Ħmar u l-Ġeru – Ħrafa ta' Esopu**

**Taħriġ B. Aħdem it-taħriġ skont dak li smajt.** **(5marki)**

1. Raġel sinjur kellu ġeru li kien il-mimmi t'għajnejh. Dan ifisser li s-sinjur kien __________________ ħafna lill-ġeru.

2. Il-ħmar beda jgħir għax ir-raġel u l-ġeru kienu ___________________ b'xulxin.

3. Meta l-ħmar tela' fuq sidu u beda jbusu, ir-raġel ____________________ minnu.

4. Il-bestja selvaġġa kienet

   a. il-ġeru. ❑

   b. il-ħmar. ❑

   ċ. waħda mill-qaddejja. ❑

5. It-tagħlima ta' din il-ħrafa hija

   a. mhux ħmar min joqgħod jikkopja lil ħaddieħor. ❑

   b. mhux ħażin li timita lil ħaddieħor biex tinħabb. ❑

   ċ. mhux tajjeb li tikkopja lil ħaddieħor biex tingħoġob. ❑

**TMIEM IL-KARTA**